VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,691, 24 ta' Diċembru, 2010
Taqsima B

A.L. 554 tal-2010

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Regoli tal-2010 dwar il-Kundizzjonijiet tas-Saħħa tal-Annimali Applikabbli għall-Kummerċ Intra-Komunitarju u għall-Importazzjonijiet ta' *Semen Deep Frozen* ta' Annimali Domestiċi tal-Ispeċi tal-Bovini

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 9 u 10 tal-Att dwar is- Servizzi Veterinarji, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Ministru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli tal-2010 dwar il-Kundizzjonijiet tas-Saħħa tal-Annimali Applikabbli għall-Kummerċ Intra-Komunitarju u għall- Importazzjonijiet ta' *Semen Deep Frozen* ta' Annimali Domestiċi tal-Ispeċi tal-Bovini.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regoli hu li jittrasponu d-Direttiva 88/407/KEE li tistabbilixxi il-Kundizzjonijiet tas-Saħħa tal-Annimali Applikabbli għall-Kummerċ Intra-Komunitarju u Għal Importazzjonijiet ta' *Semen Deep Frozen* ta' Annimali Domestiċi tal-Ispeċi tal-Bovini, u għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet li jiġu adottati skond regolamenti u regoli komunitarji oħrajn u leġiżlazzjoni nazzjonali oħra li tkun tirrigwarda annimali domestiċi li tista' tkun tapplika f'dan ir-rigward.

(3) Dawn ir-regoli qegħdin isiru għall-ħarsien tal-interess pubbliku u sigurtà pubblika. Kull ħtieġa u miżuri ta' ħarsien li jinsabu f'dawn ir-regoli inkluż dawk relatati ma' awtorizzazzjonijiet qegħdin isiru għal raġunijiet aktar importanti relatati mal-interess pubbliku.

(4) Dawn ir-regoli għandhom jidħlu fis-seħħ fl-24 ta' Diċembru tal-2010.

Tifsir.

Kap. 437.
A.L. 351 tal-2009.

2. (1) Kemm-il darba ma jkunx stabbilit xort'oħra f'dawn ir-regoli, t-tifsiriet fl-Att, dawk li jinsabu fir-Regoli tal-2009 dwar il-Ħtiġiet ta' Saħħa ta' l-Annimali li Jirregolaw il-Kummerċ, u l-Importazzjoni fil-Komunità ta' Annimali, *Semen*, Ova u Embrijuni Mhux Soġġetti Għal Ħtiġiet ta' Saħħa ta' l-Annimali Stabbiliti f'Atti Speċifiċi tal-Komunità, u dawk li jinsabu fir-Regolamenti

A.L. 505 tal-2004.

tal-2004 dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu il-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali, għandhom jibqgħu japplikaw.

(2) Għall-fini ta' dawn ir-regoli u kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra t-tifsiriet li ġejjin għandhom japplikaw:

"annimali tal-ispeċi tal-bovini" tfisser annimali bovini li s-*semen* tagħhom ikun soġġett għall-kummerċ intra-Komunitarju u importazzjonijiet minn pajjiżi terzi biex jiġi prodott għal użu ta' inseminazzjoni artifiċjali;

"l-Att" tfisser l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji;

"l-Awtorità Kompetenti" tfisser id-Dipartiment responsabbli għas-servizzi veterinarji f'Malta kif stabbilita bl-Att;

"awtorizzazzjoni" tfisser kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dawn ir-regoli u f'dak li għandu x'jaqsam ma' provdituri awtorizzati u servizzi tfisser permess, liċenza, warrant, ħatra, konċessjoni jew kull deċiżjoni li tirrigwarda aċċess għal attività ta' servizz jew l-eżerċizzju tagħha;

Kap. 500.

"Bord tal-Appelli" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha taħt l-Att dwar Servizzi li jingħataw fis-Suq Intern, maħtur skond l-artikolu 12 (f) tiegħu;

"ċentru ta' ġbir tas-*semen* jew ċentru" tfisser stabbiliment uffiċjalment approvat u taħt sorveljanza li jinsab f'Malta, fi Stat Membru jew pajjiż terz, li fih isir is-*semen* għal użu f'inseminazzjoni artifiċjali;

"ċertifikat tas-saħħa" tfisser ċertifikat li jkun inħareġ kif suppost mill-Awtorità Kompetenti skond Skeda IV li tinsab ma' dawn ir-regoli, bħala mezz ta' garanzija u monitoraġġ għal konformità mal-ħtiġiet ta' saħħa tal-annimali f'dak li għandu x'jaqsam ma' annimali u prodotti ta' oriġini tal-annimali soġġetti għal kummerċ għall-fini ta' dawn ir-regoli;

"id-Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għas-servizzi veterinarji jew xi uffiċjal veterinarju nominat minnu;

"donatur" tfisser annimal domestiku tal-ispeċi tal-bovini li s-*semen* tiegħu jkun jintuża għal inseminazzjoni artifiċjali;

"ġbir" tfisser kwantità ta' *semen* li jkun meħud minn donatur f'kull waqt;

"il-Komunità" tfisser il-Komunità Ewropea kif imwaqqfa mit-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea;

"konsumatur aħħari" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha taħt ir- Regoli tal-2009 dwar il-Ħtiġiet ta' Saħħa ta' l-Annimali li Jirregolaw il-Kummerċ, u l-Importazzjoni fil-Komunità ta' Annimali, *Semen*, Ova u Embrijuni Mhux Soġġetti Għal Ħtiġiet ta' Saħħa ta' l-Annimali Stabbiliti f'Atti Speċifiċi tal-Komunità;

"Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" jew "il-Kumitat" tfisser Kumitat li jkun magħmul minn rappreżentanti ta' Stati Membri msejħa membri tal-kumitat, li jkunu jassistu u jikkonsultaw il-Kummissjoni billi jagħtu Opinjoni li tkun tirrigwarda miżuri ta' sigurtà f'dak li għandu x'jaqsam ma' ħwejjeġ ta' saħħa tal-annimali, biex wara jiġu adottati formalment mill-Kummissjoni skond il-proċedura adatta. Dik il-proċedura tal-kumitat tkun tkopri il-katina kollha ta' provediment alimentari, li tkun tvarja minn ħwejjeġ ta' saħħa tal-annimali fir-razzett sal-prodott li jkun wasal għall-konsumatur aħħari, għalhekk issaħħaħ b'mod sinifikattiv il-kapaċità tagħha li timmira għal riskji għas-saħħa meta dawn jitfaċċaw fil-produzzjoni tal-ikel;

"kummerċ" tfisser, għall-fini ta' dawn ir-regoli kummerċ bejn Stati Membri jew bejn Stat Membru u pajjiż terz f'annimali u l-prodotti tagħom, negozju jew impjieg biex isir profitt jew qliegħ, b'mod partikolari f'bejgħ bl-ingrossa jew bejgħ bl-imnut u tinkludi ftehim f'xi attività ta' negozju partikolari;

"il-Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Ewropea;

"kunsinna" tfisser kwantità ta' *semen* li jkun kopert b'ċertifikat wieħed;

"laboratorju approvat" tfisser laboratorju li jkun jinsab f'Malta jew pajjiż terz maħtur mill-Awtorità Kompetenti biex iwettaq it-testijiet stabbiliti f'dawn ir-regoli;

"pajjiż ta' ġbir" tfisser l-Istat Membru jew pajjiż terz li fih is-*semen* ikun miġbur u li minnu jkun mibgħut jew direttament mill-pajjiż terz jew indirettament lejn Stat Membru ieħor;

"pajjiż terz" tfisser pajjiż li ma jkunx stat membru tal-Unjoni Ewropea;

"il-prodott" tfisser kull prodott ta' oriġini tal-annimali għal kummerċ jew finijiet ta' kummerċ;

"provditur awtorizzat" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha taħt ir-Regoli tal-2009 dwar il-Ħtiġiet ta' Saħħa ta' l-Annimali li Jirregolaw il-Kummerċ, u l-Importazzjoni fil-Komunità ta' Annimali, *Semen*, Ova u Embrijuni Mhux Soġġetti Għal Ħtiġiet ta' Saħħa ta' l-Annimali Stabbiliti f'Atti Speċifiċi tal-Komunità;

"*semen*" tfisser l-eġakolatorju li jiġi mħejji jew imħallat ta' annimal domestiku tal-ispeċi tal-bovini;

"Stat Membru" tfisser stat li jkun membru tal-Unjoni Ewropea;

"Stat Membru tad-destinazzjoni" tfisser dak l-Istat Membru li lejh jiġi trasferit s-*semen* jew indirettament mill-Istat Membru ta' ġbir fejn iċ-ċentru jew stabbiliment ta' oriġini ta' ġbir ta' *semen* ikun jinsab, jew direttament minn ċentru jew ħażna ta' ġbir tas-*semen* ta' pajjiż terz;

"it-Trattat" tfisser it-trattat kif imwaqqaf bl-Unjoni Ewropea;

"verifiki veterinarji" tfisser għall-fini ta' dawn ir-regoli, verifiki veterinarji jew kontrolli ta' importazzjoni li jsiru fuq importazzjonijiet ta' *semen* minn pajjiżi terzi minn postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera skond il-proċedura stabbilita skond ir-regola 13 ta' dawn ir-regoli, iżda kontrolli ta' importazzjoni bejn Stati Membri għandhom jiġu mwettqa skond il-proċedura stabbilita għal verifiki veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju kif stabbilit fir-subregola (2) tar-regola 3

VERŻJONI ELETTRONIKA

tar-Regoli tal-2009 dwar il-Ħtiġiet ta' Saħħa ta' l-Annimali li Jirregolaw il-Kummerċ, u l-Importazzjoni fil-Komunità ta' Annimali, *Semen*, Ova u Embrijuni Mhux Soġġetti Għal Ħtiġiet ta' Saħħa ta' l-Annimali Stabbiliti f'Atti Speċifiċi tal-Komunità;

"veterinarju taċ-ċentru" tfisser il-veterinarju responsabbli li minn jum għal jum jara li fiċ-ċentru jkun hemm konformità mal-ħtiġiet stabbiliti f'dawn ir-regoli;

"veterinarju uffiċjali" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha taħt ir- Regoli tal-2009 dwar il-Ħtiġiet ta' Saħħa ta' l-Annimali li Jirregolaw il-Kummerċ, u l-Importazzjoni fil-Komunità ta' Annimali, *Semen*, Ova u Embrijuni Mhux Soġġetti Għal Ħtiġiet ta' Saħħa ta' l-Annimali Stabbiliti f'Atti Speċifiċi tal-Komunità.

3. (1) Dawn ir-regoli għandom japplikaw għal:- Applikabbiltà.

(a) dispożizzjonijiet nazzjonali dwar is-saħħa tal-annimali li jkunu japplikaw għall-kummerċ intra-Komunitarju f'annimali u prodotti tal-annimali, biex joħolqu sistema armonizzata għall-kummerċ intra-Komunitarju u importazzjonijiet fil-Komunità ta' *semen* ta' annimali tal-ispeċi tal-bovini;

(b) kummerċ intra-Komunitarju tas-*semen*, fejn l-Awtorità Kompetenti tiżgura li s-*semen* ikun ġie miġbur u pproċessat f'ċentri ta' ġbir tas-*semen* li jkunu approvati u ssorveljati, u li jkun ġie akkwistat minn annimali li l-istat tas-saħħa tagħhom ikun b'dak il-mod li jassigura li r-riskju ta' tixrid ta' mard tal-annimali jkun ġie eliminat;

(ċ) *semen* li jkun inġabar, ġie pproċessat, maħżun u trasportat skond ir-regoli li jippreservaw l-istat tas-saħħa tiegħu u li jkollu miegħu matul it-trasport lejn il-pajjiż jew Stat Membru tad-destinazjoni ċertifikat ta' saħħa tal-annimal biex jiġi assigurat li dan l-obbligu jkun intlaħaq;

(d) politiċi segwiti fil-Komunità f'dak li għandu x'jaqsam mat-tilqim kontra ċertu mard li jkunu jawtorizzaw lill-Awtorità Kompetenti, f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċertu mard, biex timponi l-ħtieġa ta' protezzjoni supplimentari kontra dak il-mard;

(e) importazzjonijiet ta' *semen* fil-Komunità minn pajjiżi terzi fejn għandha tkun imħejjija lista ta' pajjiżi terzi filwaqt li tingħata importanza lill-kriterji ta' saħħa tal-annimali;

(f) awtorizzazzjoni mill-Awtorità Kompetenti għall-importazzjoni ta' *semen* minn ċentri ta' ġbir tas-*semen* li jkunu laħqu ċertu *standards* biss u li jkunu sorveljati uffiċjalment mingħajr preġudizzju għall-lista msemmija fil-paragrafu (e);

(ġ) kundizzjonijiet speċifiċi dwar is-saħħa tal-annimali f'dak li għandu x'jaqsam ma' pajjiżi fuq dik il-lista li għandhom ikunu stabbiliti skond iċ-ċirkustanzi;

(h) verifika ta' konformità mal-i*standards* imsemmija fil-paragrafu (f), permezz ta' verifiki li jistgħu jsiru fuq il-post;

(i) proċeduri li għandhom ikunu provduti għall-fini li jkunu solvuti kwistjonijiet li jistgħu jqumu bejn Stati Membri dwar jekk l-approvazzjoni ta' ċentru ta' ġbir tkunx iġġustifikata; u

(j) prevenzjoni ta' trasferiment ta' ċertu mard li jkun jittieħed, fejn kontrolli ta' importazzjoni għandhom isiru meta tkun waslet kunsinna ta' *semen* u tkun imqiegħda fis-suq tal-Komunità, u l-miżuri li jkunu ser jittieħdu mill-Istati Membri wara li jkunu ġew stabbiliti dawk il-kontrolli, fil-każ ta' trasferiment intern.

(2) L-Awtorità Kompetenti għandha tieħu miżuri ta' emerġenza fil-każ ta' epidemija ta' xi marda li tkun tittieħed fi Stat Membru ieħor jew f'xi pajjiż terz, li fil-każ ta' trasferiment intern dawn il-miżuri għandhom ikunu stabbiliti, u għandha tivverifika l-perikli assoċjati ma' dak il-mard u l-miżuri ta' protezzjoni li jkunu meħtieġa f'dan ir-rigward, skond il-proċedura msemmija fit-tifsira "Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" jew "il-Kumitat" stabbilita fis-subregola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli.

(3) L-Awtorità Kompetenti tista' tirrifjuta kunsinna ta' *semen* meta jkun ġie stabbilit li dan ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regoli u tibgħat lura dak is-*semen*, jekk dan ma jkunx kuntrarju għall-kunsiderazzjonijiet ta' saħħa tal-annimali, u jekk il-kunsinnatarju jew ir-rappreżentant tiegħu hekk jitolbu, hi għandha tagħti lil dak il-kunsinnatarju jew ir-

VERŻJONI ELETTRONIKA

rappreżentant tiegħu opinjoni motivata għal dik il-projbizzjoni jew restrizzjoni u l-kunsinnatarju jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jkollhom il-permessi li jakkwistaw l-opinjoni ta' espert.

(4) Id-Direttur għandu japplika dawk il-ħtiġiet amministrattivi kollha neċessarji li jkunu konformi mal-ħtiġiet tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali skond il-ħtiġiet ta' dawn ir-regoli, biex jiżgura li ma jkunx hemm ksur ta' dawn ir-regoli kif ukoll biex inaqqas ir-riskju għal konsumaturi aħħarin u kull riskju supplimentari għall-annimali u għall-ambjent.

(5) Dawn il-miżuri għandhom jinkludu il-konfiska diretta tal-prodott, is-sospensjoni tal-attivitajiet li jkunu qegħdin jiġu mwettqa mill-provditur awtorizzat meta dawn ikun qegħdin joħolqu riskju lil konsumaturi aħħarin u lill-ambjent, u t-teħid lura ta' kull awtorizzazzjoni, liċenza jew permess, flimkien mal-applikazzjoni ta' kull piena oħra amministrattiva skond l-artikolu 61 tal-Att.

Miżuri li għandhom jiġu adottati mill-Awtorità.

4. L-Awtorità Kompetenti tassigura li *semen* li jilħaq dawn il-kundizzjonijiet ġenerali li ġejjin biss jiġi mibgħut minn Malta lejn Stat Membru ieħor:

(a) għandu jkun miġbur u jiġi pproċessat, għall-fini ta' inseminazzjoni artifiċjali, f'ċentru ta' ġbir ta' *semen* li jkun approvat minn perspettiva ta' saħħa tal-annimali għall-finijiet ta' kummerċ intra-Komunitarju skond is-subregola (1) tar-regola 6 ta' dawn ir-regoli;

(b) għandu jkun miġbur minn annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini li l-istat ta' saħħa tagħhom ikun skond l-Iskeda II li tinsab ma' dawn ir-regoli;

(ċ) għandu jkun miġbur, proċessat, maħżun u trasportat skond l-Iskedi I u III li jinsabu ma' dawn ir-regoli; u

(d) għandu jkollu miegħu, matul it-trasport lejn l-Istat Membru tad-destinazzjoni, ċertifikat tas-saħħa tal-annimali skond is-subregola (1) tar-regola 7 ta' dawn ir-regoli.

Testijiet laboratorji li jsiru minn ċentri ta' ġbir ta' *semen*.

5. (1) Fil-każ fejn kull ċentru ta' ġbir f'Malta jew f'parti mit-territorju tagħha, jkollu biss annimali li jaġixxu b'mod negattiv għat-test ta' newtralizzazzjoni tas-serum jew it-test *Elisa* għal infezzjonijiet *rhino-tracheitis* jew *infectious pustular vulvo-vaginitis* tal-bovini jew ikunu juru riżultat pożittiv wara tilqim

skont dawn ir-regoli, l-Awtorità Kompetenti tista' tirrifjuta dħul ta' *semen* minn ċentri li ma jkollhomx dak l-istat.

(2) Mingħajr preġudizzju għal liġijiet jew regolamenti Komunitarji oħrajn, l-Istat Membru tad-destinazzjoni li ma jkunx jipprattika tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer ma jistax jirrifjuta dħul ta' *semen* minn annimali li jkunu mlaqqma skond dawn ir-regoli. F'dak il-każ, sa 10 % tas-*semen* minn kull ġabra li tkun maħsuba għall-kummerċ, tista' tkun soġġetta għal test ta' isolazzjoni tal-virus għall-ilsien u d-dwiefer f'laboratorju fl-Istat Membru tad-destinazzjoni jew f'laboratorju stabbilit minn dak l-Istat Membru. Jekk ir-riżultat ikun wieħed pożittiv, id-dħul tas-*semen* jista jiġi miċħud.

Ċentri ta' ġbir ta' *semen*.

6. (1) L-Awtorità Kompetenti tassigura li, f'dak li għandu x'jaqsam maċ-ċentru ta' ġbir ta' *semen*, l-approvazzjoni stabbilita fir-regola 4(a) ta' dawn ir-regoli tingħata biss meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda I li tinsab ma' dawn ir-regoli jkunu qegħdin jiġu osservati u meta ċ-ċentru ta' ġbir ta' *semen* ikun jista' jissodisfa d-dispożizzjonijiet l-oħra li jinsabu f'dawn ir-regoli.

(2) L-Awtorità Kompetenti tassigura wkoll li l-veterinarju uffiċjali jagħmel sorveljanza tal-osservanza ta' dawn ir-regoli u għandha tirrevoka l-approvazjoni tagħha meta xi waħda jew aktar mid-disposizzjonijiet li jinsabu f'dawn ir-regoli ma jkunux aktar osservati.

(3) Iċ-ċentri kollha ta' ġbir jew ħażna tas-*semen* li jkunu approvati għandhom ikunu reġistrati, u kull ċentru jiġi mogħti numru ta' reġistrazzjoni veterinarja. L-Awtorità Kompetenti għandha tħejji u żżomm aġġornata lista ta' ċentri ta' ġbir jew ħażna tas- *semen* u n-numri tar-reġistrazzjoni veterinarja tagħhom u tagħmel dan disponibbli għal Stati Membri oħrajn u għall-pubbliku.

(4) Regoli dettaljati għall-applikazzjoni uniformi ta' din ir-regola jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fit-tifsira "Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" jew "il-Kumitat" fis-subregola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli, fejn ħwejjeġ li jkollhom x'jaqsmu ma' ċentri ta' ġbir ta' *semen* għandhom ikunu indirizzati mingħajr dewmien lill-Kumitat.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Dħul ta' *semen* minn Stati Membri soġġett għal ċertifikat tas-saħħa tal-annimali.

7. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha tagħmel id-dħul tas-*semen* minn Stati Membri oħrajn soġġett għal ċertifikat tas-saħħa tal-annimali imħejji minn veterinarju uffiċjali ta' dak l-Istat Membru skond l-Iskeda IV li tinsab ma' dawn ir-regoli.

(2) Dan iċ-ċertifikat għandu jkun:

(a) imħejji minn tal-inqas f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tal-ġbir u f'waħda minn dawk tal-Istat Membru tad-destinazzjoni;

(b) mal-kunsinna lejn id-destinazzjoni tagħha fil-forma oriġinali tiegħu;

(ċ) imħejji fuq karta waħda; u

(d) sar għal riċevitur wieħed.

(3) L-Awtorità Kompetenti, meta Malta tkun l-Istat Membru tad-destinazzjoni tista':

(a) tipprojbixxi d-dħul ta' kunsinni jekk verifika dokumentata jew ċertifikat tas-saħħa jkunu juru li r-regola 4 ta' dawn ir-regoli ma tkunx ġiet osservata;

(b) tieħu l-miżuri meħtieġa, inkluż il-ħażna fi kwarantina, biex takkwista prova definittiva f'każijiet meta s-*semen* ikun issuspettat li jkun infettat jew kontaminat b'organiżmi patoġeniċi.

(4) Id-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu taħt il-paragrafi (a) jew (b) tas-subregola (3) ta' din ir-regola għandhom, fuq talba tal-kunsinnatarju jew ir-rappreżentant tiegħu, jawtorizzaw ir-ritorn tas-*semen*, kemm-il darba dan ma jkunx kuntrarju għall-kunsiderazzjonijiet ta' saħħa tal-annimali.

(5) Jekk id-dħul tas-*semen* ikun ġie projbit minħabba xi waħda mir-raġunijiet stabbilita fil-paragrafi (a) jew (b) tas-subregola (3) ta' din ir-regola u l-Istat Membru tal-ġbir ma jkunx awtorizza r-ritorn tas-*semen* fi żmien 30 ġurnata, l-Awtorità Kompetenti tista' tordna li dan jiġi meqrud.

(6) Ħlief fil-każ ta' għoti ta' awtorizzazzjoni, deċiżjoni li tkun ittieħded mill-Awtorità Kompetenti taħt is-subregoli (3) u (5) ta' din ir-regola, inkluż ir-rifjut u l-qerda tas-*semen*, għandha

tiġi infurmata lill-kunsinnatarju jew lir-rappreżentant tiegħu, u għandha tkun għalkollox motivata u soġġetta għal kontestazzjoni quddiem il-Bord tal-Appell.

Dritt ta' appell minn deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu mill-Awtorità Kompetenti.

8. (1) Id-deċiżjonijiet motivati li jkunu ttieħdu skond ir-regola 7 ta' dawn ir-regoli għandhom, fuq talba, jiġu mibgħuta lill-kunsinnatarju jew ir-rappreżentant tiegħu bil-miktub, b'referenza għal dawk id-drittijiet ta' appell li jkunu qegħdin jiġu provduti fil-leġislazzjoni nazzjonali eżistenti, u bil-mod u ż-żmien li fih il-proċeduri għandhom ikunu mibdija mill-Istat Membru tal-ġbir li għalih ikunu ttieħdu dawk id-deċiżjonijiet. Id-deċiżjonijiet għandhom jiġu mibgħuta wkoll lill-awtorità veterinarja kompetenti tal-Istat Membru ta' ġbir.

(2) L-Awtorità Kompetenti għandha tagħti lill-kunsinnatarji li għall-kunsinni tagħhom tas-*semen* dawk il-miżuri kif stabbilit fis-subregola (3) tar-regola 7 ta' dawn ir-regoli jkunu ttieħdu, d-dritt li jakkwistaw, qabel ma' jkunu ttieħdu miżuri oħra mill-Awtorità Kompetenti, l-opinjoni ta' espert veterinarju biex jistabbilixxi jekk ikunx hemm konformità mas-subregola (3) tar-regola 7 ta' dawn ir-regoli. L-espert veterinarju għandu jkun ċittadin ta' Stat Membru terz, ħlief għal Malta jew l-Istat Membru tal-ġbir.

(3) Id-drittijiet tal-appell u l-formulazzjoni ta' proċeduri li jkunu ttieħdu mill-Istat Membru tal-ġbir kif imsemmi fis-subregola (1) ta' din ir-regola għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fis-subartikolu (10) tal-artikolu 15 tal-Att dwar l-Arbitraġġ.

Kap. 387.

Importazzjoni ta' *semen* minn pajjiżi terzi.

9. (1) L-Awtorità Kompetenti tista' tawtorizza importazzjoni tas-*semen* minn dawk il-pajjiżi terzi biss li jkunu jidhru fuq il-lista li tkun mħejjija skond il-proċedura stabbilita fit-tifsira "Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" jew "il-Kumitat" fis-subregola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli, u li dik il-lista tista' wkoll tiġi emendata permezz tal-istess proċedura.

(2) Fid-deċiżjoni jekk pajjiż terz ikunx jista' jidher fuq il-lista msemmija fis-subregola (1) ta' din ir-regola, għandha tingħata importanza partikolari għal:

(a) l-istat ta' saħħa tal-bhejjem, annimali domestiċi oħrajn u annimali selvaġġi fil-pajjiż terz, b'referenza partikolari għall-mard ta' annimali eżotiċi, u tas-sitwazzjoni

VERŻJONI ELETTRONIKA

tas-saħħa ambjentali f'dak il-pajjiż, li tista tkun ta' periklu għas-saħħa tal-annimali f'Malta;

(b) ir-regolarità u l-ħeffa tal-informazzjoni li tkun preżentata mill-pajjiż terz li tkun tikkonċerna l-eżistenza ta' mard li jkun jittieħed tal-annimali fit-territorju tiegħu, b'mod partikolari dak il-mard imsemmi fil-listi A u B tal-Uffiċċju Internazzjonali ta' Mard Epiżootiku;

(ċ) ir-regoli ta' dak il-pajjiż dwar prevenzjoni u kontroll ta' mard tal-annimali;

(d) l-istruttura tas-servizzi veterinarji fil-pajjiż u s-setgħat tagħhom;

(e) l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri biex jevitaw u jikkontrollaw mard li jkun jittieħed tal-annimali; u

(f) l-garanziji li l-pajjiż terz ikun jista' jagħti fir-rigward ta' konformità ma' dawn ir-regoli.

Kundizzjonijiet relatati ma' ċentri ta' ġbir jew ħażna tas-*semen*.

10. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha tawtorizza biss importazzjonijiet ta' *semen* li jkunu mibgħuta minn ċentru ta' ġbir jew ħażna tas-*semen* f'wieħed mill-pajjiżi terzi li jkun jidher fil-lista msemmija fir-regola 9 ta' dawn ir-regoli u li għalih l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz konċernat tkun tista' tiggarantixxi li jkunu ntlaħqu dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) li jkun jissodisfa l-kundizzjonijiet:

(i) għall-approvazzjoni ta' ċentri ta' ġbir jew ta' ċentri ta' ħażna tas-*semen* stabbiliti fil-Kapitlu I ta' Skeda I li tinsab ma' dawn ir-regoli;

(ii) f'dak li għandu x'jaqsam mas-sorveljanza ta' dawn iċ-ċentri stabbiliti fil-Kapitlu II tal-Iskeda;

(b) li jkun ġie uffiċjalment approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz għall-esportazzjoni lejn il-Komunità;

(ċ) li jkun tqiegħed taħt is-sorveljanza ta' veterinarju taċ-ċentru;

(d) li jkun soġġett għal spezzjonijiet minn veterinarju uffiċjali tal-pajjiż terz minn tal-inqas darbtejn fis-sena.

(2) Il-lista taċ-ċentri ta' ġbir jew ħażna tas-*semen* li l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz li jkun jidher fuq il-lista msemmija fir-regola 9 ta' dawn ir-regoli tkun approvat, skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fis-subregola (1) ta' din ir-regola, u li minnhom is-*semen* ikun jista' jintbagħat lejn il-Komunità, għandha tiġi infurmata lill-Kummissjoni.

(3) L-approvazzjoni ta' ċentru ta' ġbir jew ħażna tas-*semen* għandha tiġi minnufih sospiża jew revokata mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jekk ma jibqax aktar konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fis-subregola (1) ta' din ir-regola u l-Kummissjoni għandha tiġi infurmata b'dan minnufih.

(4) Regoli dettaljati għall-applikazzjoni uniformi ta' din ir-regola jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fit-tifsira "Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" jew "il-Kumitat" fis-subregola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli, fejn ħwejjeġ li jkollhom x'jaqsmu ma' dik l-awtorizzazzjoni u approvazzjoni msemmija f'din ir-regola għandhom ikunu indirizzati mingħajr dewmien lill-Kumitat.

Kundizzjonijiet relatati mas-*semen* minn pajjiż terz.

11. (1) Is-*semen* għandu jiġi minn annimali li, minnufih qabel il-ġbir tas-*semen* tagħhom, ikunu miżmuma minn tal-inqas sitt xhur fil-pajjiż terz fuq il-lista li tkun imħejjija skond is-subregola (1) tar-regola 9 ta' dawn ir-regoli.

(2) Mingħajr preġudizzju għas-subregola (1) tar-regola 9 ta' dawn ir-regoli u s-subregola (1) ta' din ir-regola, l-Awtorità Kompetenti m'għandhiex tawtorizza l-importazzjoni tas-*semen* minn pajjiż terz fuq il-lista, kemm-il darba s-*semen* ma jkunx konformi mal-ħtiġiet ta' saħħa tal-annimali li jiġu adottati għal importazzjonijiet minn dak il-pajjiż, skond il-proċedura stabbilita fit-tifsira "Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" jew "il-Kumitat" stabbilita fis-subregola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli.

(3) Fl-adozzjoni tal-ħtiġiet imsemmija fis-subregola preċedenti għandha tingħata importanza partikolari għal:

(a) is-sitwazzjoni ta' saħħa fiż-żona li tkun tiċċirkonda ċ-ċentru ta' ġbir tas-*semen*, b'referenza partikolari għall-mard

VERŻJONI ELETTRONIKA

li jidher fuq il-lista A tal-Uffiċċju Internazzjonali ta' Mard Epiżootiku;

(b) l-istat ta' saħħa tal-merħla fiċ-ċentru ta' ġbir tas-*semen*, inkluż il-ħtiġiet ta' testijiet;

(ċ) l-istat ta' saħħa tal-annimal donatur u l-ħtiġiet ta' testijiet; u

(d) l-ħtiġiet ta' testijiet f'dak li għandu x'jaqsam mas-*semen*.

(4) Il-bażi ta' referenza biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimal skond is-subregola (2) ta' din ir-regola għat-tuberkoloża u l-bruċellosi tal-bovini għandhom ikunu *standards* stabbiliti fi Skeda A li tinsab mar-Regolamenti tal-2004 dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu il-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali.

(5) L-Awtorità Kompetenti tista' tiddeċiedi, skond il-proċedura stabbilita fit-tifsira "Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" jew "il-Kumitat" stabbilita fis-subregola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli, abbażi ta' każ b'każ, li ma tapplikax dawn il-kundizzjonijiet meta l-pajjiż terz konċernat jipprovdi garanziji simili dwar is-saħħa tal-annimal. F'dak il-każ, il-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimal li jkunu minn tal-inqas ekwivalenti għal dawk fi Skeda A li tinsab mar-Regolamenti tal-2004 dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali, għandhom jiġu stabbiliti skond l-istess proċedura biex ikunu jippermettu d-dħul ta' dawk l-annimali fiċ-ċentri ta' ġbir tas-*semen*. Ir-regola 4 ta' dawn ir-regoli għandha tapplika *mutatis mutandis*.

Ċertifikat ta' *semen* li jiġi importat minn pajjiż terz ta' ġbir.

12. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha tawtorizzaw l-importazzjoni tas-*semen* biss mal-preżentazzjoni ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali li jiġi mħejji u ffirmat mill-veterinarju uffiċjali tal-pajjiż terz ta' ġbir.

(2) Dan iċ-ċertifikat għandu:

(a) jkun imħejji minn tal-inqas f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni u f'waħda minn dawk tal-Istat Membru fejn il-kontroll tal-importazzjoni stabbilit fir-regola 13 ta' dawn ir-regoli jkun sar;

(b) ikun mas-*semen* fl-oriġinali;

(ċ) jkun imħejji fuq karta waħda; u

(d) jkun sar għal riċevitur wieħed.

(3) Iċ-ċertifikat għandu jkun konformi mal-mudell li jiġi mħejji skond il-proċedura stabbilita fit-tifsira "Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" jew "il-Kumitat" stabbilita fis-subregola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli.

Verifiki veterinarji li jiġu mwettqa mill-Awtorità Kompetenti. A.L. 356 tal-2003.

13. Ir-regoli stabbiliti fir-Regolamenti tal-2003 li jirregolaw l-Organizzazzjoni tal-Verifiki Veterinarji fuq Prodotti li jidħlu fit-Territorju ta' Malta minn Pajjiżi Terzi għandhom japplikaw, b'mod partikolari għall-organizzazzjoni ta' u s-segwitu ta' verifiki li għandhom isiru mill-Awtorità Kompetenti u l-miżuri ta' ħarsien li għandhom ikunu japplikaw skond il-proċedura msemmija fir-regolament 19 ta' dawk ir-regolamenti, li jirrigwardaw xi marda jew xi fenomenu jew ċirkostanza oħra li tista' tkun ta' theddida serja għas-saħħa pubblika jew tal-annimali li tkun timmanifesta ruħha jew tkun tinfirex.

Kunsinna ta' *semen*.

14. Kull kunsinna ta' *semen* awtorizzata biex tidħol fil-Komunità minn Stat Membru ta' destinazzjoni abbażi tal-kontroll ta' importazzjoni imsemmi fir-regola 13 ta' dawn ir-regoli għandha, meta tintbagħat lejn Stat Membru ieħor, ikollha magħha ċertifikat oriġinali jew kopja awtentika tiegħu, iffirmata kif meħtieġ, f'kull każ, mill-Awtorità Kompetenti responsabbli għat-twettiq ta' kontrolli skond ir-regola 13 ta' dawn ir-regoli.

Spejjeż relatati mal-miżuri ta' distruzzjoni.

15. Jekk skond ir-regola 13 ta' dawn ir-regoli jiġi deċiż li għandhom jittieħdu miżuri ta' distruzzjoni, kull spiża involuta għandha tkun għas-spejjeż tal-kunsinnatarju, jew tal-aġent jew rappreżentant tiegħu, mingħajr kumpens għall-ispejjeż mill-Awtorità Kompetenti.

Miżuri fil-każ ta' periklu ta' xi marda tal-annimali.

16. (1) L-Awtorità Kompetenti tista' tieħu dawn il-miżuri li ġejjin jekk ikun hemm xi perikolu ta' xi mard tal-annimali li jkun inxtered bħala riżultat tal-introduzzjoni tas-*semen* f'Malta minn Stat Membru ieħor:

(a) fil-każ li tfaqqa' marda epiżootika fi Stat Membru ieħor, hi tista' temporanjament tipprojbixxi jew tirristringi

VERŻJONI ELETTRONIKA

l-introduzzjoni tas-*semen* miż-żoni ta' dak l-Istat Membru li fih tkun seħħet il-marda;

(b) jekk xi marda epizootika tiġi mxerrda, jew jekk ikun hemm xi epidemija ta' xi marda oħra tal-annimali li tkun tittieħed li tkun ta' natura serja, hi tista' temporanjament tipprojbixxi jew tirristringi l-introduzzjoni tas-*semen* mit-territorju kollu ta' dak l-Istat Membru.

(2) L-Awtorità Kompetenti għandha minnufih tinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bl-epidemija tal-marda f'Malta li taqa' taħt il-paragrafu (a) tas-subregola (1) ta' din ir-regola, u bil-miżuri li hi tkun ħadet biex tikkontrolla dik il-marda. L-Awtorità għandha wkoll tinformahom minnufih meta l-marda tkun għebet.

(3) Mingħajr preġudizzju għar-regoli 9, 10, u 11 ta' dawn ir-regoli jekk f'pajjiż terz marda tal-annimali li tkun tittieħed u li tkun tista' tinġarr mis-*semen* u li tista tkun ta' periklu għas-saħħa tal-bhejjem f'Malta tfaqqa' jew tinxtered jew jekk għal xi raġuni oħra relatata mas-saħħa tal-annimali tkun hekk titlob, l-Awtorità Kompetenti għandha tipprojbixxi l-importazzjoni ta' dak is-*semen*, kemm jekk ikun impurtat indirettament minn Stat Membru ieħor, jew direttament minn pajjiż terz kollu jew minn parti biss mit-territorju tiegħu.

(4) Miżuri li jkunu ttieħdu mill-Awtorità Kompetenti abbażi tas-subregoli (1) u (2) ta' din ir-regola u t-tħassir ta' dawk il-miżuri għandhom ikunu infurmati minnufih lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni flimkien mar-raġunijiet għat-teħid ta' dawk il-miżuri.

(5) Skond il-proċedura stabbilita fit-tifsira "Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" jew "il-Kumitat" stabbilita fis-subregola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli, jista' jiġi deċiż li dawk il-miżuri għandhom ikunu emendati, b'mod partikolari biex ikunu koordinati ma' miżuri adottati minn Stati Membri oħra, jew li dawn għandhom jiġu mħassra.

(6) Jekk is-sitwazzjoni stabbilita fis-subregoli (1) u (2) ta' din ir-regola sseħħ, u jekk ikun meħtieġ li xi Stat Membru ieħor japplika wkoll il-miżuri li jkunu ttieħdu taħt dawk is-subregoli kif emendati fejn meħtieġ skond is-subregoli (4) u (5) ta' din ir-regola, passi adatti għandhom jittieħdu skond il-proċedura stabbilita fit-tifsira "Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-

Annimali" jew "il-Kumitat" stabbilita fis-subregola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli.

(7) L-importazzjoni mill-ġdid mill-pajjiż terz konċernat għandu jkun awtorizzat skond il-proċedura stabbilita fit-tifsira "Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" jew "il-Kumitat" stabbilita fis-subregola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli.

Esperti veterinarji.

17. (1) Esperti veterinarji mill-Kummissjoni jistgħu, b'kooperazjoni mal-Awtorità Kompetenti u mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi, iwettqu verifiki fuq il-post kemm-il darba dawn ikunu indispensabbli biex jassiguraw applikazzjoni uniformi ta' dawn ir-regoli.

(2) Il-pajjiż ta' ġbir li fit-territorju tiegħu tkun qiegħda tiġi mwettqa verifika għandu jagħti l-għajnuna kollha meħtieġa lill-esperti fit-twettiq tax-xogħol tagħhom. Il-pajjiż ta' ġbir konċernat għandu jieħu kull miżura li tista' tkun meħtieġa biex jieħu konjizzjoni tar-riżultati tal-investigazzjoni.

(3) Id-dispożizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni ta' din ir-regola, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-frekwenza u l-metodu tat-twettieq tal-verifiki msemmija fis-subregola (1) ta' din ir-regola, għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura stabbilita fit-tifsira "Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" jew "il-Kumitat" stabbilita fis-subregola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli.

Reati u pieni.

18. (1) Kull persuna li tonqos milli tħares dawn ir-regoli tkun tinsab ħatja ta' reat taħt l-Att u għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet u l-miżuri imsemmija fir-subregoli (4) u (5) tar-regola 3 ta' dawn ir-regoli.

(2) Kull dritt mogħti lill-Awtorita` Kompetenti taħt dawn ir-regoli biex tapplika dawk il-miżuri kollha neċessarji msemmija fis-subregoli (4) u (5) tar-regola 3 ta' dawn ir-regoli, għandu jiġi mogħti lill-Awtorità mingħajr preġudizzju għal proċeduri kriminali oħrajn li jistgħu jittieħdu taħt l-Att jew taħt xi liġi oħra meta persuna twettaq xi reat billi tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dawn ir-regoli.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Skeda I

KAPITLU I

KUNDIZZJONIJIET GĦALL-APPROVAZZJONI TA' ĊENTRI GĦALL-ĠBIR TAS-*SEMEN*

Iċ-ċentri tal-ġbir tas-*semen* għandhom:

(a) ikunu mqiegħda taħt sorveljanza permanenti ta' veterinarju taċ-ċentru;

(b) jkollhom minn tal-inqas:

(i) abitazzjoni għall-annimali inkluż faċilitajiet ta' iżolament;

(ii) faċilitajiet għall-ġbir tas-*semen* inkluża kamra separata għat-tindif u diżinfettar jew sterilizzazzjoni tal-apparat;

(iii) kamra għall-ipproċessar tas-*semen* li mhux neċessarjament tkun fuq l-istess sit;

(iv) kamra għall-ħażna tas-*semen* li mhux neċessarjament tkun fuq l-istess sit;

(ċ) ikunu hekk mibnija jew iżolati li kuntatt ma' annimali minn barra ma jkunx jista' jseħħ;

(d) ikunu hekk mibnija li l-post fejn ikun hemm l-annimal u l-faċilitajiet tal-ġbir tas-*semen*, l-ipproċessar u l-ħażna jistgħu jkunu imnaddfa u diżinfettati malajr;

(e) jkollhom akkomodazzjoni ta' iżolament li ma jkollha l-ebda kuntatt dirett mal-akkomodazzjoni normali tal-annimal;

(f) ikunu hekk iddisinjati li l-akkomodazzjoni tal-annimal hija fiżikament separata mill-kamra tal-ipproċessar tas-*semen* u t-tnejn ikunu separati mill-kamra tal-ħażna tas-*semen*.

KAPITLU II

KUNDIZZJONIJIET LI JIRRIGWARDAW IS-SORVELJANZA TAĊ-ĊENTRI TA' ĠBIR TAS-*SEMEN*

Iċ-ċentri tal-ġbir għandhom:

(a) ikunu taħt sorveljanza sabiex ikun fihom biss annimali tal-ispeċi li s-*semen* tagħhom ikun sejjer jingħabar. Annimali domestiċi oħra li jkunu strettament meħtieġa għall-operazzjoni normali taċ-ċentru tal-ġbir jistgħu minbarra dan kollu jkunu wkoll ammessi, jekk dawn ma jkunu jippreżentaw l-ebda riskju ta' infezzjoni lejn dawk l-ispeċi li s-*semen* tagħhom ikun ser jingħabar u li jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-veterinarju taċ-ċentru;

(b) jkunu taħt sorveljanza sabiex jinżamm reġistru tal-annimali tal-bovini kollha fiċ-ċentru, li jagħti dettalji tar-razza, data tat-twelid u identifikazzjoni ta' kull wieħed mill-annimali, u wkoll reġistru tal-verifiki kollha għall-mard u l-vaċċin kollha li jkunu saru, jagħti wkoll informazzjoni dwar l-inkartament tal-mard/saħħa ta' kull annimal;

(ċ) ikunu spezzjonati b'mod regolari minn veterinarju uffiċjali, minn tal-inqas darbtejn fis-sena, f'liema żmien verifiki normali dwar il-kundizzjonijiet ta' approvazzjoni u sorveljanza għandhom jiġu mwettqa;

(d) ikunu taħt sorveljanza sabiex id-dħul ta' persuni mhux awtorizzati ma jkunx jista jseħħ. Aktar minn hekk, viżitaturi uffiċjali għandhom ikunu meħtieġa li jkunu konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-veterinarju taċ-ċentru;

(e) jimpjegaw nies li jkunu teknikament kompetenti u mħarrġa fil-proċeduri ta' diżinfettazzjoni u teknika ta' iġene rilevanti għall-kontroll tat-tixrid ta' mard;

(f) ikollhom sorveljanza tant li:

(i) s-*semen* li jkun miġbur f'ċentru li jkun approvat biss, ikun ipproċessat u maħżun f'ċentri li jkunu approvati, mingħajr ma jiġi f'kuntatt ma xi kunsinna oħra tas-*semen*. Iżda, s-*semen* li ma jkunx miġbur f'ċentru li jkun approvat jista' jiġi proċessat f'ċentri ta' ġbir li jkunu approvati kemm-il darba:

- dak is-*semen* ikun prodott minn annimali tal-bovini li jkunu jissodisfaw l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitlu I, 1(d)(i), (ii), (iii) u (v) tal-Iskeda II li tinsab ma' dawn ir-regoli,

VERŻJONI ELETTRONIKA

- l-ipproċessar ikun sar b'apparat separat jew f' ħin differenti minn dak tas-*Semen* li jkun intiż għall-kummerċ intra-Komunitarju, l-apparat f'dan il-każ tal-aħħar ikun imnaddaf u sterilizzat wara l-użu,

- dak is-*semen* ma jkunx soġġett għall-kummerċ intra-Komunitarju u ma jkun jista' fl-ebda waqt jiġi f'kuntatt ma' jew ikun maħżun ma' *Semen* li jkun intiż għall-kummerċ intra-Komunitarju,

- dak is-*semen* ikun jingħaraf b'marka differenti minn dawk li hemm previsti fil-punt (vii);

(ii) il-ġbir, l-ipproċessar u l-ħażna tas-*semen* ikun iseħħ biss f'dak il-bini li jkun magħżul għal din il-fini u taħt il-kundizzjonijiet tal-iġene l-aktar stretta;

(iii) l-għodda kollha li tiġi f'kuntatt mas-*semen* jew mal-annimal donatur matul il-ġbir u l-ipproċessar tkun diżinfettata sewwa jew sterilizzata qabel l-użu;

(iv) prodotti tal-oriġini tal-annimali li jkunu ntużaw fl-ipproċessar tas-*semen* — inklużi addittivi jew materjali biex tħoll — ikunu akkwistati minn sorsi li ma jippreżentaw l-ebda riskju għas-saħħa tal-annimal jew li jkunu hekk trattati qabel l-użu li riskju bħal dan ma jkunx jista jseħħ;

(v) vażetti tal-ħażna u vażetti tat-trasport ikunu diżinfettati u sterilizzati sewwa qabel il-bidu ta' kull operazzjoni ta' mili;

(vi) l-aġent ċiroġeniku li jkun intuża ma jkunx ġie użat qabel għal xi prodotti oħra ta' oriġini minn annimali;

(vii) kull doża individwali tas-*semen* tkun immarkata ċara b'dak il-mod li d-data tal-ġbir tas-*semen* u r-razza u l-identifikazzjoni tal-annimal donatur, kif ukoll l-isem taċ-ċentru, possibiliment f'kodiċi, jistgħu jiġu stabbiliti mill-ewwel; il-karatteristiċi u l-għamla ta' dawn il-marki għandhom ikunu stabbiliti skond il-proċedura stabbilita fit-tifsira "Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" jew "il-Kumitat" stabbilita fis-subregola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli.

Skeda II

KAPITLU I

KUNDIZZJONIJIET LI GĦANDHOM IKUNU JAPPLIKAW GĦALL-MOVIMENT TA' ANNIMALI ĠEWWA ĊENTRI APPROVATI TA' ĠBIR TA' *SEMEN*

1. L-annimali tal-bovini kollha li jkunu mdaħħla fiċ-ċentru tal-ġbir tas-*semen* għandhom:

(a) ikunu ġew soġġetti għal perjodu ta' iżolament ta' minn tal-inqas 30 jum f'akkomodazjoni speċifikament approvata għal dik il-fini mill-Awtorità Kompetenti, u fejn annimali oħra tad-difer maqsum biss, li jkollhom minn tal-inqas l-istess status tas-saħħa, jkunu preżenti;

(b) qabel ma' jkunu nżammu fl-akkomodazzjoni ta' iżolament msemmija fil-paragrafu (a) ikunu jappartjenu għal merħliet:

(i) li jkunu uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolożi;

(ii) li jkunu uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi. L-annimali ma jistgħux ikunu preċedentament miżmuma ma' merħliet oħra ta' status aktar baxx;

(ċ) ikunu ġejjin minn merħliet ħielsa mil-lewkożi enżotika tal-bovini jew li kienu imwielda minn baqra li tkun ġiet soġġetta għal test seroloġiku għal-lewkożi enżotika tal-bovini b'riżultat negattiv, mhux aktar minn 30 jum qabel ma l-annimal ikun daħal fiċ-ċentru. Jekk din il-ħtieġa ma tkunx tista' tintlaħaq, is-*semen* ma jistax ikun is-suġġett ta' kummerċ sakemm id-donatur jilħaq l-età ta' sentejn u jkun ġie testjat skond il-Kapitlu II, 1(iii) b'riżultat negattiv;

(d) qabel il-perjodu ta' iżolament imsemmi fil-paragrafu (a), u matul it-30 jum preċedenti, jkunu ġew soġġetti għal dawn it-testijiet li ġejjin b'riżultati negattivi:

(i) test intradermali tat-tuberkulin imwettqa skond il-proċedura stabbilita fl-Iskeda B li tinsab mar-Regolamenti tal-2004 dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali;

(ii) test ta' agglutinazzjoni ta' serum li jkun sar skond il-proċedura stabbilita fl-Iskeda Ċ li tinsab mar-Regolamenti tal-2004 dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali

VERŻJONI ELETTRONIKA

Bovini u Majjali u li jkun juri għadd ta' bruċella aktar baxxa minn 30 IU ta' agglutinazzjoni għal kull millilitru u fil-każ ta' merħliet ħielsa mill-bruċellożi test kumplimentari ta' stabbilizzazzjoni li jkun juri għadd ta' bruċella aktar baxx minn 20 unitajiet KEE kull millilitru (20 unitajiet ICFT);

(iii) test seroloġiku għall-lewkożi enżotika tal-bovini li jkun sar skond il-proċedura stabbilita fl-Iskeda D li tinsab mar-Regolamenti tal-2004 dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali;

(iv) test ta' newtralizzazzjoni ta' serum jew test *Elisa* għal rhinotracheitis/infectious *pustular vulvo-vaginitis*;

(v) test ta' iżolazzjoni ta' virus (test ta' florixxenza ta' kontra il-ġisem jew immunoperoxidase test) għal dijarea virali tal-bovini. Fil-każ ta' annimal ta' età anqas minn sitt xhur it-test għandu jkun pospost sakemm dik l-età tkun intlaħqet. L-Awtorità Kompetenti tista' tagħti awtorizzazzjoni għat-testijiet imsemmija fil-paragrafu (d) biex isiru fl-akkomodazzjoni ta' iżolament, kemm-il darba r-riżultati jkunu magħrufa qabel ma' jibda l-perjodu ta' 30 jum ta' iżolament stabbilit fil-paragrafu (e);

(e) matul il-perjodu ta' iżolament ta' minn tal-inqas 30 jum speċifikat fil-paragrafu (a), ikunu ġew soġġetti għat-testijiet segwenti b'riżultati negattivi:

(i) test ta' agglutinazzjoni ta' serum li jkun sar skond il-proċedura stabbilita fl-Iskeda Ċ li tinsab mar-Regolamenti tal-2004 dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali u li jkun juri għadd ta' bruċella aktar baxxa minn 30 IU ta' agglutinazzjoni kull millilitru u test kumplimentari ta' fissazjoni li jkun juri għadd ta' bruċella aktar baxx minn 20 unitajiet KEE kull millilitru (20 unitajiet ICFT) fil-każ ta' annimali li jkunu ġejjin minn merħliet ħielsa mill-bruċellożi;

(ii) jew test ta' immunoflorixxenti ta' kontra il-ġisem jew test ta' kultura għall-infezzjoni tal-fetucampylobacter fuq kampjun ta' materjal prepuzjali jew ħasil artifiċjali tal-vaġina; fil-każ ta' annimali femminili għandu jsir test vaġinali ta' agglutinazzjoni ta' mukus;

(iii) eżami mikroskopiku u test ta' kultura għall-fetu trichomonas fuq kampjun ta' ħasil tal-vaġina jew ħasil prepuzjali; fil-każ ta' annimali femminili għandu jsir test vaġinali ta' agglutinazzjoni ta' mukus;

(iv) test ta' newtralizzazzjoni ta' serum jew test *Elisa* għal rhinotracheitis/infectious pustular vulvo-vaginitis; u

(v) jkollhom trattament kontra leptospirosis li jkun jikkonsisti f'żewġ injezzjonijiet ta' streptomycin f'intervall ta' 14-il jum (25 mg kull kilogramma ta' piż ta' ġisem ħaj). Jekk wieħed minn dawn it-testijiet imsemmi hawn qabel jirriżulta pożittiv, l-annimal għandu jkun imneħħi minnufih mill-akkomodazzjoni ta' iżolament. Fil-każ ta' iżolament ta' grupp, l-Awtorità Kompetenti għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tistabbilixxi mill-ġdid l-eliġibilità tal-kumplament tal-annimali għad-dħul fiċ-ċentru tal-ġbir skond din l-Iskeda.

2. It-testijiet kollha għandhom isiru f'laboratorju li jkun approvat mill-Awtorità Kompetenti.

3. L-annimali jistgħu jidħlu biss fiċ-ċentri ta' ġbir tas-*semen* bil-permess espress tal-veterinarju taċ-ċentru. Il-movimenti kollha, kemm 'il ġewwa u kemm 'il barra, għandhom ikunu reġistrati.

4. L-ebda annimal li jkun imdaħħal fiċ-ċentru ta' ġbir tas-*semen* ma jista' juri sinjali kliniċi ta' mard fil-jum tad-dħul. L-annimali kollha għandhom, mingħajr preġudizzju għal paragrafu 5, ikunu ġejjin minn akkomodazzjoni ta' iżolament bħal m'hemm imsemmi fil-paragrafu 1(a) li, fil-jum tal-kunsinna, jkunu ssodisfaw uffiċjalment dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu jinsabu fiċ-ċentru ta' żona ta' radjus ta' 10 kilometri li fiha ma' jkun hemm l-ebda każ tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal minn tal-inqas 30 jum;

(b) ikunu minn tal-inqas għal tliet xhur ħielsa mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer u l-bruċellożi;

(ċ) ikunu minn tal-inqas għal 30 jum ħielsa minn dak il-mard tal-bovini li jkun notifikabbli b'obbligu skond l-Iskeda E (II) li tinsab mar-Regolamenti tal-2004 dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali.

5. Iżda meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4 ikunu ntlaħqu u t-testijiet ta' rutina msemmija f'Kapitlu II ikunu saru matul it-12-il xahar preċedenti, l-annimali jistgħu jkunu trasferiti minn ċentru wieħed approvat ta' ġbir tas-*semen* lejn ieħor ta' status ta' saħħa ugwali mingħajr iżolazzjoni jew testijiet jekk it-trasferiment ikun dirett. L-annimal konċernat m'għandux jiġi f'kuntatt dirett jew indirett ma' annimali ta' difer maqsum ta' status ta' saħħa aktar baxx u li l-mezzi tat-trasport li jkunu ntuzaw għandhom ikunu ġew diżinfettati qabel l-użu. Jekk il-moviment minn ċentru wieħed ta' ġbir tas-*semen* lejn ieħor iseħħ bejn l-Istati Membri, dan għandu jseħħ skond ir-Regolamenti tal-2004 dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali.

VERŻJONI ELETTRONIKA

KAPITLU II

TESTIJIET TA' RUTINA U TRATTAMENT LI GĦANDHOM IKUNU JAPPLIKAW GĦALL-ANNIMALI TAL-BOVINI KOLLHA FIĊ-ĊENTRU APPROVAT TAL-ĠBIR TAS-*SEMEN*

1. L-annimali tal-bovini kollha miżmuma fiċ-ċentru tal-ġbir tas-*semen* għandhom ikunu soġġetti għal dawn it-testijiet u t-trattament li ġejjin għal minn tal-inqas darba fis-sena:

(i) test intradermali tat-tuberkulin għal tuberkuloża li jkun sar skond il-proċedura stabbilita fl-Iskeda B li tinsab mar-Regolamenti tal-2004 dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali, b'riżultat negattiv;

(ii) test ta' agglutinazzjoni ta' serum għal bruċelloża, li jkun sar skond il-proċedura stabbilita fl-Iskeda Ċ li tinsab mar-Regolamenti tal-2004 dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali, li jagħti għadd ta' anqas minn 30 IU ta' agglutinizzazzjoni kull millilitru;

(iii) test seroloġiku għall-lewkoża enżotika tal-bovini, li jkun sar skond il-proċedura stabbilita fl-Iskeda D li tinsab mar-Regolamenti tal-2004 dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali, b'riżultat negattiv;

(iv) test għal rhinotracheitis/infectious pustular vulvo-vaginitis, test ta' newtralizzazzjoni ta' serum jew test *Elisa* b'riżultat negattiv;

(v) jew test ta' antibody immunoflorixxenti jew test ta' kultura għal infezzjoni tal-fetu campylobacter fuq kampjun ta' materjal prepuzjali jew ħasil artifiċjali tal-vaġina; fil-każ ta' annimali femminili test vaġinali ta' agglutinazzjoni ta' mukus għandu jsir.

2. It-testijiet kollha għandhom isiru f'laboratorju li jkun approvat mill-Awtorità Kompetenti.

3. Jekk uħud mit-testijiet imsemmija hawn qabel ikunu jirriżultaw pożittivi, l-annimal għandu jkun iżolat u s-*semen* miġbur minnu sa mill-aħħar test negattiv ma jistax ikun is-suġġett ta' kummerċ intra-Komunitarju. Is-*semen* li jkun miġbur mill-annimali l-oħra kollha fiċ-ċentru sa mid-data ta' meta t-test pożittiv ikun sar, għandhom jinżammu f'ħażniet separati u ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' kummerċ intra-Komunitarju sakemm l-istatus tas-saħħa taċ-ċentru jkun ġie stabbilit mill-ġdid.

Skeda III

KUNDIZZJONIJIET LI S-*SEMEN* MIĠBURA F'ĊENTRI APPROVATI GĦANDHOM JISSODISFAW GĦALL-FINIJIET TA' KUMMERĊ INTRA-KOMUNITARJU

1. Is-*semen* għandu jkun akkwistat minn annimali li:

(a) ma jkunu juru l-ebda sinjali kliniċi ta' mard fil-jum li fih is-*semen* jittieħed;

(b) (i) ma jkunux ġew imlaqqma kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer; jew

(ii) ikunu ġejjin minn ċentru fejn l-annimali kollha jkunu ġew protetti bis-sħiħ kontra tipi A, O u Ċ;

- u jkunu b'hekk jew annimali li, qabel ma jkunu mdaħħla fiċ-ċentru, ma jkunux preċedentament imlaqqma kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer u għandhom, għalhekk, ikunu rċevew żewġ dożi ta' vaċċina ta' virus inattiv approvat u kontrollat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jesporta f'intervall ta' mhux anqas minn sitt ġimgħat u ta' mhux aktar minn tmien xhur,

- jew annimali li, qabel ma jkunu mdaħħla fiċ-ċentru, jkunu mlaqqma f'minn tal-inqas tliet okkażjonijiet f'intervalli ta' mhux aktar minn sena waħda. Meta l-vaċċin ikun ipprattikat, l-annimali kollha għandhom jirċievu repetizzjonijiet ta' vaċċin f'intervalli ta' mhux aktar minn 12-il xahar;

(ċ) ma jkunux ġew imlaqqma kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer fi żmien 30 jum minnufih qabel il-ġbir;

(d) ikunu miżmuma f'ċentru approvat ta' ġbir ta' *semen* għal perjodu kontinwu ta' minn tal-inqas 30 jum minnufih qabel il-ġbir tas-*semen*;

(e) ma jkunux tħallew li jinqdew b'mod naturali;

(f) ikunu miżmuma f'ċentri ta' ġbir tas-*semen* li jkunu ħielsa mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal minn tal-inqas tliet xhur qabel il-ġbir tas-*semen* u 30 jum wara l-ġbir, u jkunu jinstabu fiċ-ċentru ta' żona ta' raġġ ta' 10 kilometri li fiha għal minn tal-inqas 30 jum ma jkunx hemm l-ebda każ tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(g) ikunu nżammu fiċ-ċentri ta' ġbir tas-*semen* li, matul il-perjodu li jkun jibda 30 jum qabel il-ġbir u jkun jispiċċa 30 jum wara l-ġbir tas-*semen*, ikunu ħielsa minn dawk il-mard tal-bovini li jkunu notifikabbli b'obbligu skond l-Iskeda E (II) li tinsab mar-Regolamenti tal-2004 dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali.

2. Antibijotiċi kif elenkati hawn taħt għandhom ikunu miżjuda biex jipproduċu dawn il-konċentrati fit-taħlita finali tas-*semen*:

mhux anqas minn: 500 IU kull ml streptomycin,

500 IU kull ml penicillin,

150 µg kull ml lincomycin,

300 µg kull ml spectinomycin. Taħlita alternattiva ta' antibijotiċi b'effett ekwivalenti kontra campylobacters, leptospires u mycoplasmas tista tkun użata. Minnufih wara ż-żieda tagħhom, is-*semen* imħallat għandu jinżamm f'temperatura ta' minn tal-inqas 5 °C għal perjodu ta' mhux anqas minn 45 minuta.

3. Is-*semen* għal kummerċ intra-Komunitarju għandu:

(i) jkun maħżun f'kundizzjonijiet li jkunu approvati għal perjodu minimu ta' 30 jum qabel ma jintbagħat;

(ii) jiġi trasportat lejn l-Istat Membru tad-destinazzjoni f'vażetti li jkunu ġew imnaddfa u diżinfettati jew sterilizzati qabel l-użu u li kienu ġew issiġillati qabel il-kunsinna mill-faċilitajiet approvati tal-ħżin.

B 6760

Skeda IV

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI NRU:

Pajjiż ta' ġbir:

Awtorità Kompetenti:

I. Identifikazzjoni tas-*semen*
Numru ta' dożi:
Data(i) ta' ġbir:
Identifikazzjoni tal-annimal donatur:
Razza:
Data ta' twelid:

II. Oriġini tas-*semen*
Indirizz taċ-ċentru(i) ta' ġbir tas-*semen*:
Numru ta' approvazzjoni taċ-ċentru(i) ta' ġbir tas-*semen*:

III. Destinazzjoni tas-*semen*
Is-*semen* ser titlaq mingħand: (isem il-kunsinnatarju)
Is-*semen* ser titlaq minn: (post ta' tagħbija)
Is-*semen* ser titlaq lejn: (pajjiż u post ta' destinazzjoni)
Is-*semen* ser titlaq b': (mezz ta' trasport)
Isem u kunjom tar-riċevitur:

IV. Jiena hawn taħt iffirmat veterinarju uffiċjali, niċċertifika li:

1. Is-*semen* imsemmija hawn qabel kienet miġbura, pproċessata u maħżuna skond kundizzjonijiet li huma konformi ma' standards stabbiliti f'dawn ir-regoli;

2. Is-*semen* imsemmija hawn qabel ġiet mibgħuta lejn il-post ta' tagħbija f'kontenitur issiġillat skond il-kundizzjonijiet li huma konformi ma' dawn ir-regoli.

Magħmul f'..... fil-.....

Firma:

Isem u kwalifiki (b'ittri kbar)

Timbru